# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, il 21 TA JANNAR, 1913. NRU. 50.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistennew minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Unjoni Cattolica "San Giusepp."

Palazz Caraffa,
it-18 ta Jannar, 1913.

Nhar il Gimgha li gejja, fis-sebgha ta fil għaxija, it-Tabib Cavalier-Ufficcjal Ellul Grech sejjer jibda jati lezzjonijet lill'imsieħbin fuk *L'eŭŭel għajnuna għal min icorri* (FIRST AID TO THE INJURED); għalhecc il ġranet tal Lezzjonijet icunu:

Nhar ta Tnejn, fis-7, jingħataŭ tat-Taljan u tal Aritmetica;

Nhar ta Erbgħa, fis-7, tal Ingliż u tar-Religjon;

Nhar ta Gimgha, fis-7 ucoll, li Scola ġdida.

Għal li Scola tat-tfal tal imsieħbin jibka collox chif in hu sejjer issa.

Nirriccmandaŭ lill'imsieħbin li juru interess għal dac collu li kiegħed jagħmel il Cumitat għall fejda ta pajjiżna u għall bżonn tal ħaddiema collha.

WALTER AGIUS,
Segretarju.

## Il Gjurati.

*Gjurati* jigifieri *imħallfin*—jeŭ, aħjar, *imġagħlin jaħilfu.* U il *ħalfa* li il Korti iġġagħlhom jagħmlu hi din:—

«Intom *taħelfu* u tŭegħdu kuddiem Alla u kuddiem il bniedmin li tiflu b'rekka l'iżjed cbira dac li jingħad fuk......(*haŭn jissemma l'isem ta min icun imressak b'ħati*); u li ma tkarrkux la biħ u inkas bir-Re li giebu kuddiemcom; (*taħelfu*) li, bla sensja tal Korti, ma titchellmu ma ħadd sama tcunu tajtu il ħakk tagħcom; (*taħelfu*) li ma jirbħucomx la il mibegħda u inkas il ħażen, la il biża u inkas il ħniena; (*taħelfu*) li tagħmlu il ħakk tagħcom ŭara li tisimgħu x'jingieb contra u favur dan il bniedem, *scond il cunxenza tagħcom u chif tħossu geŭŭa ficom,* bil ħakk u bil kaŭŭa li jixirku lil bniedmin lîbri u tajjba. Hecc Alla ighincom.»

Taraŭ, mela, li m'hix taċ-ċajt il *Ħalfa* tal Gjurati: u biha jirtabtu mal Ħakk t'Alla u tad-dinja!

Huma għandhom jisimgħu il *ġrajja*: u, ŭara l'icunu għarbluhom bir-rekka collha, għandhom ighidu jecc il bniedem imressak għall ħakk taħħom hu ħati jeŭ le ta dac li talab minnu l'Avucat tal Coruna fl'isem tar-Re. Li stess Imħallfin ma jistgħux jindaħlulhom fil ħakk li jagħmlu mil *ġrajja* migjubin kuddiemhom u jecc jemmnu jeŭ ma jemmnux ix-xhieda. Anzi, il Gjurati, li għandhom jaktgħu jecc bniedem hu ħati jeŭ le milli talab minnu l'Avucat tal Coruna, jistgħu ucoll ighidu li hu ħati ta ħaġ'oħra, basta m'hux actar ħarxa mil mitluba.

Imma — daħħlu dan tajjeb f'rascom—il Gjurati ma għandhomx ifittxu x'piena tati il Ligi għall ħtija ta daŭc il *ġrajja.*

Jigifieri—per esempju—jecc il Gjurati iresskulhom kuddiemhom bniedem fuk li *katel,* għandhom jiflu il *fatt collu* b'rekka cbira, għandhom igħarblu ix-xhieda ŭieħed-ŭieħed u imbgħad collha flimchien, biex jaraŭ fejn jakblu u fejn ma jakblux bejniethom, għandhom jaraŭ il min jemmnu u il min ma jemmnux scond chif iħossu f'ruħhom, għandhom fl'aħħar nett ighidu jecc dac il bniedem imressak kuddiemhom hu ħati jeŭ le ta dac il *ktil*: imma ma għandhomx jokogħdu jaraŭ x'*piena* talab minnu l'Avucat tal Coruna.

Biex taraŭ chemm hu hecc, nghidulcom ħaġa biss: fil côpja tat-*Talba* tal Avucat tal Coruna li il Korti tibgħat lill *Ħati,* icun hemm fuk hiex *cżaħ* u x'*piena* irid minnu: imma f'dic li ir-Registratur jati lill Prim-Gjurat icun hemm x'in hu *cżat* biss — jigifieri il Korti ma tgħidx lill Gjurati x'*piena* hemm mitluba, għax dic m'hix biċċa taħħom, dmirhom ma jasalx sa hemm.

Mela, il Gjurati għandhom jiflu il *ġrajja,* chif igibhom kuddiemhom l'Avucat tal Coruna; u, ŭara li jisimgħu lîlu u ix-xhieda tiegħu, għandhom jisimgħu, b'li stess rekka, l'Avucat tal *Ħati* u ix-xhieda li iresskilhom hu; biex, fl'aħħar, jatu il vôt taħħom, jigifieri ighidu jecc dac il *bniedem* hux tas-seŭ *ħati* ta daŭc il *ġrajja.* Il bkija, ma jindaħlux fiħ. Jecc il Korti ma tatix il *piena* bil Ħakk, ma għandhomx jatu cont huma ll'Alla u lid-dinja! Xi tcun il *piena* m'hix biċċa taħħom!

Imma icollu cont cbir kuddiem Alla dac il Gjurat li ma jagħmelx ħiltu collha fit-tgħarbîl tâl *ġrajja* migjubin kuddiemu, biex jati il vôt tiegħu chif iħoss hu geŭŭa ruħu: u la għandu imîl ma sħabu u la għandu jokgħod għall *fehma* li itarraflu li Mħallef fl'*Indirizz* jecc ma icunux jakblu ma dac li jidhirlu hu: imma għandu jati il ħakk chif tgħidlu il cunxenza tiegħu, *għax li mħallef tal fatt hu*—hu biss u ħadd iżjed!

Inkas għandu jimpurtaħ x'jiġri mita il Prim-Gjurat jiġbor il vôti tad-disa' Gjurati collha: irridu ngħidu jiġux collha xorta ŭaħda u il *Ħati* tal *ktil* jieħu il *meŭt,* jiġux *tmienja* contra *ŭieħed* u il *Ħati* imur għomru il ħabs, jiġux *erbgħa* contra *ħamsa* u icollu jibka magħluk hemm mal Gjurati l'oħra, min jaf chemm żmien, għax li Mħallef, scond il Ligi, ma jistax jaccetta dac il *Ħakk*!

Xejn ma għandu jimpurtaħ minn dac collu. It-tmun tal Gjurat li jaf seŭŭa dmiru għandha tcun il *Ħalfa* li jagħmel kuddiem il Korti; u dic il *Ħalfa* tgħidlu: «Isma tajjeb x'jingħad mill'Avucat tal Coruna contra il *Ħati* u mill'Avucat Difensur favur tiegħu, agħrbel collox bir-rekka — u, imbgħad, bla mibegħda u bla ħażen, bla biża u bla ħniena, ta ragel seŭŭa u lîbru, ati il vôt scond il cunxenza tiegħec»—scond il cunxenza tiegħec ŭaħdec!

U aħna ngħidulu: «Il Gjurì, jigifieri il Ħakk magħmul minn disa' bniedmin lîbri u galantomi, hu Setgħa cbira u imkaddsa li għandu il Poplu; l'acbar Setgħa li s'issa tât l'Inghilterra lill Poplu ta Malta. Nibżgħu, mela, għaliha u ngħarfu ngħożżuha. Chemm hi ħaġa sabiħa! L'Avucat tal Coruna *jicża* bniedem, l'Avucat tiegħu *jiddefendiħ,* il Korti *tmexxi il caŭża* u il Poplu, ŭara li jiżen collox tajjeb, *jagħmel ħakk minnu*!»

## MINN ĦMERIJA GĦAL OĦRA.

Min jibda ighid il ħmerijet jaf mnejn beda, imma fejn jasal ma jafx; biss l'eŭŭel ħmerija hi il bidu ta ħafna oħrajn li collha chemm huma juruna li mita il bniedem jitlef id-daŭl tal Fidi u jidhirlu li jista jimxi dritt bid-daŭl tar-raġuni tiegħu biss, jispiċċa biex jitlef dan ucoll, għaliex chiecu ma ighidx ħŭejjeġ li mhux biss ma humiex veri; imma li barra milli jagħmlu għajb u jitilfulu ruħu, f'din id-dinja jatuħ il jedd li jitlob joħduħ tal-Imgienen. F'dan il ġurnal, magħmul għall ġid tar-ruħ u tal gisem tal maltin u ta min jaf bil malti, bdejna naraŭ il ħmerijet li kalu, li kiegħdin ighidu u li għad ighidu l'appostli ġodda li dehru ma riġlejna biex jagħmlulna l'icbar deni li jistgħu jagħmlu, jigifieri ineħħulna il Fidi, u mal Fidi il faraġ tar-Religjon u it-telfa ta ruħna. Rajna l'aħħar li daŭn jiftaħru li il bniedem hu nisel ix-xadin; ma hix, immela, ħaġa barra minn lôcha, meta nisimgħuhom jiftaħru li il bniedem meta imut jispiċċa għal-collox, li mhux tas-seŭ li ruħu tibka ħajja għal-dejjem, biex tidħol f'ħajja oħra fejn tcun għal-dejjem hienja u cuntenta, jecc haŭn għamlet il gid, jecŭ għal-dejjem imniccta jecc fid-dinja intelket ŭara id-deni u ħabbet id-deni u għażlet id-dlam tal ħażen u ma imxietx fid-daŭl tal Fidi.

Mita nifhmu għal fejn daŭn ighidu li li bniedem tnissel mill'annimali, u mhux lè maħluk mn'Alla, malajr nifhmu il għaliex ighidu u iħanbku li mita imut jispiċċa collox, bħal meta jispiċċa collox għall ktates, għall clieb, għaż-żŭiemel u għall'annimali collha, ŭara meŭthom. Hu il biża tal cont li iridu jatu ll'Alla ta għamilhom li iġagħalhom ighidu hecc, hu il biża tal infern, fejn jafu li ġurnata għad jakgħu, jecc ma iħallux il ħajja tal vizzi u tad-disonestajjet, li iġġagħlhom jixtieku jispiċċaŭ bħall ħnieżer, la darba iridu ighixu bħalhom. Imma billi jixtieku li icun hecc, din ix-xeŭka ma hix biż-żejjed biex tneħħi u tŭakka dil verità, li il bniedem għandu ruħ li ma tmut katt u li dir-ruħ ŭara li il gisem jarġa isir trab, tidħol fil ħajja tal eternità, biex ġurnata tarġa tingħakad mal gisem taħħa ħalli flimchien jissieħbu fittgaŭdija jeŭ fit-tbatija għal-dejjem. Mhux biż-żejjed din ix-xeŭka, biex tŭakka dil verità, għalavolja juruha b'ħafna cliem u argumenti, bħalma m'hix biż-żejjed ħanka ta ħmar, għalavolja kaŭċija u tŭila, biex tbażża id-dinja.

Mela, daŭn ighidu li meta il bniedem imut, jiġrilu bħall ktates u il clieb, collox jispiċċa għaliħ, għax ŭara il meŭt ma hemm xejn. Chiecu daŭn ma tilfux rashom, chienu malajr jindunaŭ x'divrenzja tgħaddi bejn il bniedem u il bhejjem u hecc bejn il meŭt tal bniedem u taħħom, li jigifieri ŭara li il bniedem imut ruħu tidħol f'ħajja oħra, fejn ma tmut katt. U xejn taħsbu li dil verità tŭieldet ilbieraħ, hi antica daks il bniedem, u ankas li tinsab fost l'insara, lè, għax sa minn dejjem naraŭha emmnuta mil bniedmin collha ta cull razza u religjon. U ħaġa li hi emmnuta sa minn dejjem u cull-imchien hi vera. Inħallu għal issa il provi li insibu f'li Scrittura Mkaddsa ta din il verità, li hi il kofol tal Fidi collha tagħna, għaliex, chiecu ruħna tispiċċa ma gisimna, għal fejn l'Iben t'Alla sar bniedem u bata għalina? Inħallu-hom għal issa daŭn il provi, biex naraŭ din il verità emmnuta minn nies li ma chellhomx id-daŭl tal Fidi; kabel, imma, ma nistax ma ngibx x'kâl il cbir rivoluzzjunarju franciż Massimiljanu Robespierre: *Min* (mar ighid) *ifittex li ineħħi mil moħħ tal bniedem l'idija t'Alla u tal immortalità tar-ruħ, hu għaġeb cbir ta bluha jeŭ ta ħażen.* U dan ma chienx bigott, bħalma ighidu lilna li aħna l'appostli ġodda, għax nemmnu u niftaħru li aħna insara Cattolici bħall Papa u mal Papa u mal Iskfijet tagħna.

X'kâlu, immela, fuk dil verità daŭc li ma chellhomx id-daŭl tal Fidi? X'kâlu il għorrief tal pagani? Nisimgħu il Platone li, għall għerf tiegħu tal-għaġeb kala l'isem ta *divin*: dan fil *Fedone* tiegħu ighid: «Jaħtieġ li «f'collox nemmnu lill'antichi; imma fuk col- «lox meta ighidulna illi ir-ruħ, li imħabba «fiha aħna f'din il ħajja, hi ħaġa li ma «tmut katt, distinta għal-collox mil gisem, u «li scond it-tagħlim bla mictub li ŭasal sa «ŭidnejna, ŭara il meŭt tmur issib allat oħra «(ma ninseŭx li dan chien pagan) biex lilhom «tati cont ta għamilha; din il ħaġa daks «chemm tcun faraġ għal min fid-dinja icun «għâx seŭŭa, daks tant ieħor tcun ta biża «għall ħażin, li dac il ħin ma isibx għand «min imur biex jeħles mil castighi li icun «ħakku. U la hu hecc, ma għandniex nin- «temmu fil għali, u ankas naħsbu li dac il «gisem li nidfnu fil kabar hu dac li tant ħab- «bejna; imma li dac l'iben, dac il missier, «dac il ħabib, li aħna nibcu mejjet, siefer «għal pajjiż ieħor fejn jistenniena li naslu «meta imissna. U dan hemm bżonn nem- «mnu, jecc aħna ma tlifniex moħħna.» X'jidhrilcom minn dan Platone, donnux Predicatur Cattolicu, barra s'intendi il biċċa tal allat u ħŭejjeġ oħra li bħala pagan chien jemmen fihom. Imbagħd, issib xi żinżill chemm jaf jakra, u li ħdejn Platone kiesu iż-żringa ta Esopu ħdejn il bakra, ighidlec m'aħniex aħjar mil ktates. Għax ma imurx jistudja seŭŭa ħalli ma idaħħacx in-nies biħ, u biex jistħi li kâl ħmerijet hecc cbar.

Għal-lum biż-żejjed, incomplu darb'oħra, biss ġà la darba ruħna ma tmut katt, chemm għandna nibżgħu għaliha, u nibżgħu ucoll li ma nirvinaŭx ruħ ħaddieħor?..

DUN MANŬEL.

---

Maħbub Direttur,

Kalbi tuġagħni ctibtlec daŭn l'erba' chelmiet fuk *l'articlu* «Il Lsien Malti ecc.», li deher fuk is-*Salib*, bit-tama li iggibhomli fl'eŭŭel ħarġa tal *Habib*; u ta dan nibka' nafulec.

Ma contx nitniffes, li dac karas biss lili, bħala chittieb tal *Habib*; imma hu miss lil dan ucoll. Ma naħsibx li min chitbu ried iŭakkugħ mgħan-nies, iżda cliemu jati għajn ħazina. «Kalu is-*Salib*, xi trid iżjed? Jaħtieġ li hemm x'imma, sachemm d'il *Gazzetta magħmula biex tiddefendi ir-Religion* itchellmet hecc fuk il *Habib*».

Għaliex *Leo Nardo* igħajjar mux *serju* lil *Habib*? In-nies li jictbu fih jafhom, għax jakra' isimhom, u l'*articuli* li jidhru fih huma collha tagħlim u ftuħ ir-ras. Mela għaliex? Għax jakaŭ mictub bil malti? Imma *L. N.* jgħallimni li is-serietà kiegħda f'dac li ŭieħed ighid u li il lsien minnu in-nifsu la hu *serju* u ankas m'hux, għax inclelè b'it-taljan, li chif jidher minn cliemu iżommu b'ilsien *serju*, chif tabilħakk hu, ma chienx jista' ŭieħed ighid ħmerijet u'l chelma taljana *corbelleria* hija żejda għaliħ. Milli il *Habib* hua mictub bil malti ma jigix li hu m'hux *serju*; l'*articuli* ta ġo fih li jagħmluh *serju* jeŭ le. U *L.N.* bħali jaħsibha, għax inchella ma chienx jicteb fuk gazzetta bil malti; u ma nlumux jecc hu jgħożż is-*serjetà* fih.

Jecc mbagħad il lsien malti hu ankas jeŭ le minn ilsna oħra, m'hix ta idejja u nħalliha lil Prof. Tagliaferro biex iŭiegeb għaliha.

*L. N.* kal ucoll: «li maltin li iriduna għarab, u li iridu jgħallmuna *dac* li huma stess ma jafux....iridu quasi quasi jisserveŭ b'giurnali taht il mant tar-Religion!!» Chemm idokk icreħ da'l cliem fuk gazzetta li iggib l'isem tas-*Salib*! U chemm ma jakbilx mgħas-*Salib*, li hu is-simblu tal imħabba! *L. N.*, li kies tajjeb dac il cliem, ma chienx ighidu; u li ħares għal għajb cbir li fih, chien jarġa' l'ura minnu. Baka' dieħel il geŭŭa actar milli imissu, u fejn Alla biss għandu il jedd jagħmel ħakk, għax hu biss jakra' fil kalb tal bniedem. Mela ma nidħolx fejn daħal hu; ma immiddx riglejja geŭŭa *is-santŭarju tal cunxenza*, għax niġbed fuki il ħakk t'Alla, li bil fomm ta Ibnu iŭiddibna: «Tagħmlux ħakk (mil oħrajn)... Għax bil ħakk li tagħmlu intom isir il ħakk tagħcom...»

Mela jecc lil *L N.* jogħġbu iħakkakha mgħal Prof. Tagliaferro fuk il lsien malti, f'idejh; imma biss ikis li ma jindaħalx fejn ma jesugħx, u jiftacar ucoll li il *Habib* fil *pulitca* ma iridx icollu x'jaksam.

Sur Direttur, nakta' biex ma intaŭŭalx lsieni: ħsiebi chien li, mingħajr ma nŭaġġa' bi cliemi lil *L. N.*, nħares gieħ lsien malti u gieħ il *Habib* u daŭc li jictbu fih. Jecc ma nklajtx sa barra, żid dac li jonkos int, li għandec id-dmir u'l ħila tagħmlu. Nieħu b'id *L.N.* u natih il chelma li ma żammejtx f'kalbi għaliħ.

Jissocta *L.N.* jaħdem għal poplu, u jecc irid ucoll jindaħal fil *pulitca*, la darba m'hux contra il gazzetta li chiteb fiha, imma iħalli lilna ucoll naħdmu, għalchemm f'kasam ieħor, għal gid ta ħutna, li katt ma ħsibna li nkarrku bihom billi nuru li aħna dac li ma aħniex.

Nselli għalic u żommni dejjem b'ħabib tiegħec tal kalb.

Valletta, 17 ta Jannar 1913

DUN PAŬL.

---

# M'hux tas-seû serju?....

Natu lis-Sur *Leo Nardo*, hu min hu, imkar chien il Gvernatur ta Malta, l'ismijet tal Chittieba tal *Habib*, biex, mita jogħġbu, ineħħi il mascra u ighidilna min fosthom m'hux *verament serju daksu.*

Sacerdoti:

*Dun Paŭl*—Monsinjur Canôncu *Dun Paŭl* Galea J. C. D., li chien Rettur tas-Seminarju;

*Dun Manŭel*—Monsinjur Canôncu *Dun Manŭel* Vassall, J. C. D., Professur tad-*Dritto Canonico* fl'Università;

*M. P. G.*—Monsinjur Canôncu Dun Paŭl Gaŭci, Segretarju General tal Iskof u Professur tal Latin is-Seminarju;

*L. M. C. G.*—Monsinjur Canôncu Ŭigi Marija Camilleri;

*Dun Carm Psaila*, Professur is-Seminarju u Chittieb ta poeżiji bit-Taljan imħaffrin barra minn Malta;

*Dun Anton Vella*, D.D., Cappillan ta ħal Luka;

*Dun Carm Żammit*, D. D., Cappillan tal Lies;

Dun Giusepp Farrugia, Cappillan ta li *Sptar Connaught*;

*E. F.*, Patri Agustinjan, fil Cunvent tar-Rabat (ma lħakniex rajnieħ, biex nistaksuħ iridx juri ismu);

Seculari:

*A. S.*—is-Sinjurina *Agnese Schembri*—Segretarja tal Cumitat tad-Dami;

il Professur Tagliaferro, I. S. O., li chien Direttur tal Università;

is-Sur Ġann Vassall, li għall lsien malti issemma fl'akŭa bliet tal Eŭropa;

*W.*—is-Sur Walter Agius, impiegat mil għoljin u bniedem migjub fuk l'idejn cull-fejn jersak;

in-Nutar Carlu Micallef De Caro, ŭieħed mill'aħjar Letterati tagħna;

it-Tabib u Professur Ŭenzu Manchè, Corunell tal Maltin bil pjazza;

is-Sur Giuseppi Micallef, Student tal Letteratura fl'Università;

u ma daŭn is-Sur Ġann Mifsud Bonnici, P.P., is-Sur Micallef-Goggi P.P., is-Sur A. Cremona, Spettur Sanitarju, is-Sur Quattromani, Student tal Ligi, ir-Reverendu *G. G.* (li, bl'articoli tieghu, ghad li ma iridx ixandar ismu, jista jokghod fil gażetti il cbar ta Barra), *Dun Anton* (li chellu l'onur ikajjem ghalih il gażetti protestanti ta Londra) u *Fra Meliton* (li, sa chemm baka Malta, tchellem fuk il *Lingŭa taljana* u kabeż ghaliha daks min kabeż).

Jecc, imbaghd, is-Sur *Leo Nardo* ried ighid ghalina biss—jigifieri ghad-Direttur tal *Habib*—aħna u la nakbdu ġlied mieghu u inkas inżommu f'kalbna ghaliħ: jarana f'ghajnejh chif joghġbu: Alla fuk cull-ħadd: imma mil bkija tan-nies collha ta Malta u Ghaŭdex, ħadd sgur ħliefu, sa chemm daŭc il Chittieba li semmejna jibkghu jictbu fil *Habib* taħt id-Direzzjoni taghna, ma jista ighid li dan il *ġurnal m'hux verameut serju*!......

## Ma dûar il Gżira.

—Da 'l ghodu, fis-sebgha u nofs, Ġanni Borġ, żaghżuħ ta tletin sena, ħallas b'ħajjtu id-dnub li il Ħakk sâbu ħati tieghu. Alla jaħfirlu u jatiħ il mistrieħ ta dejjem.

—Fit-30 ta dan ix-xahar (*Giovedì grass*), fl'erbgha ta fuk nofs in-nhar, jarġa isir, ghat-tielet darba, fit-teatrin tal *Unjoni Cattolica*, id-dramm li tant ghoġob taż-*Żeŭġ Surgenti*. Id-dħul icun, din id-darba, b'li stedin: u, fost il Cbarat l'oħra, icun hemm Monsinjur Arci-Iskof ta Malta u l'Aŭsiljarju tieghu, li sejjrin jarġghu jonuraŭ il *Cażin tal Ħaddiema* b'maŭra oħra hemm.

—L'articlu tar-Reverendu Pier Battista Agius, Cappillan ta ħ' Attard, fuk *Glasgow u iċ-centinarju tal bastinent bil mâgna*, ghoġobna ħafna: imma, mħabba in-nukkas tal ŭisa, icollna nħalluħ ghal darb'oħra.

—Nifirħu lill Professur Napuljun Tagliaferro, I.S.O., li raġa giè maghżul bi President tax-*Xirca Storica u Archeologica*, fejn hemm imsieħbin l'actar nies imdaŭŭlin ta Malta u il President jitbiddel jeŭ jiġġedded cull sena, b'vôti l'iżjed segrieti. Chien jixraklu ŭara il figura hecc tajjba li, fis-sajf li ghadda, ghamel fl'akŭa bliet tal Eŭropa—specjalment Ruma u Londra—b'li studji tieghu fuk l'*Archeologija* ta Malta. Fraħna, mbaghd, ŭisk actar mita rajna li, fost il Membri tal Cumitat ta dic ix-Xirca, collha persuni gholjin u imsemmija, ħarget maghżula, b'li stess vôti segrieti li semmejna, is-Sinjurina Anjese Schembri, li dejjem inkdiet bid-dehen u bil ghana taħħa biex taħdem bla serħ ghall Pajjiżna u biex tghin il Ħaddiema u il Fokra—esempju ħajj u ċanfira kaŭŭija lid-Dami u id-Damigelli li ħsiebhom m'hux ħlief fil csuħat u fil frugha.

—Nizżu-ħajr lir-Reverendu Direttur tal Oratorju Sależjan, li ghoġbu jistedinna ghall festa ta *San Bastjan*, Protettur tal *Catholic Boy's Brigade*, li saret nhar il ħadd li ghadda. Jiddispjacina ħafna li ma stajniex immorru.

—Nhar it-tlieta, sebgha ta jannar, bida it-taghlim tad-*Dutrina* fil Cnisja tal Erŭieħ tal Belt. Il missierijet u l'ommijet li iridu japprofittaŭ irŭieħhom minn dan il gid, ifittxu jibaghtu l'uliedhom, fejn isibu minn ighallimhom bil kalb, bla ħlas u bla soggezzjoni.

—Fl'aħħar mument, chellna nħallu ucoll ghal darb'oħra l'articoli ta *E. F.* u tal Cappillan ta ħal Luka (fuk il *Cungress Eŭcaristicu ta Londra*).

MIL LUCERNA TAL ĦAJJA.—42. Chif tghix, tmut: tghix rebbieħ, tmut rebbieħ; tghix tellief, tmut tellief: l'ghadu hu akŭa fil meut.

## Malta ll'ulied taghha maħbuba.

Bi cliem ħelu 'rrid nitħaddet
Jen ma daŭc li ghadhom żghar,
Biex jitghallmu x'ghandhom jghidu
Meta icunu actar cbar.

Is-sabiħa Storia tieghi
Minn uliedi m'hix maghrufa;
Ghalhecc, kalbi ŭisk maghsura,
Bl'ghali 'nħoss rasi mitlufa.

Jecc int tħares lejn il mappa,
Żghira ŭisk jena pinġuta,
Kisu baħar l'actar ŭasa
U jen tieghu l'iċchen ħuta.

Iżda jen, le, miniex żghira,
Anzi l'acbar fost il bliet,
Ghax mixtieka mil ġnus collha
Sa mil ibghad żmienijet.

Lili sabu il Fenici,
Imsejjħin nsiel il ġganti,
Nies ghorrief, ta ħila u kaŭŭa,
Ħaddemin u *naviganti*.

Ŭara daŭna geŭ il Grieghi,
Ta Cartaġni u ir-Rumani:
L'allat foloz cont nadura,
Ghad li fl'ghożża cont tarani.

Imma b'xorti cbira tieghi
Alla jaħseb ghoġbu fija,
Biex fost l'icbar bliet tad-dinja,
Incun bintu l'eŭlenija.

Il cbir Paŭlu Hu baghatli
Bis-sabiħ taghlim nisrani:
Jen fl'art xħett l'idulatrija
U is-Salib ħaddant li tani.

Imbiddlin ilcoll uliedi
Malli gharfu 'l verità,
Talbu collha 'l maghmudija,
Cbar u żghar, ta cull età.

F'rasi 'lbist coruna ġdida,
Bija is-Sema ŭisk ferħan,
Il ġnus collha 'l ġaŭhra riedu
Tas-sabiħ Mediterran.

L'ghadu ghamel ħiltu collha,
Katt ma ried qŭieta iħallini:
Sabiex lili jista jirbaħ
Baghtli 'l chiefra Saracini.

Ma daŭn iżda b'ħeġġa uliedi
Żammu 'l fidi ŭisk kaŭŭija,
Sa chemm giè 'l Conti Ruggieru
U ħelishom mil chefrija.

Pôpli ucoll oħrajn żaruni,
Fant insara, chemm m'humiex;
Iżda uliedi il fidi żammu,
Minnhom tghib ma ħalleŭhiex.

Ta San Gŭann il Cavalieri
Chemm ħabbeŭni u nghakdu mieghi!
Lili żejjnu, kabżu ghalija,
Ħadu ucoll sal isem tieghi.

X'ma ghamilx dac tan-nofs kamar,
Gieb id-dinja taħt idejħ!
Iżda dana li scoll ċchejchen
Gharaf jirgnu taħt riġlejħ.

Kalbenin Missierijetna,
Iggŭerraŭ ghal dina 'l gloria;
Stghaġbet, iva, id-dinja collha
Li 'l Maltin ħadu 'l vittoria.

Imma ir-rebħa tal battalja
Giet mil kaŭŭa ta Marija;
La Vallett ma'l Maltin collha
Lejl u nhar talbu ghalija.

Jissemmeŭ il Maltin f'collox,
Nies baħrin u industrîusi,
U sa 'l frott u'l fiuri tieghi
Ghall barrani ŭisk preziusi.

Il costumi nara tbiddlu,
U mexjin maż-żmienijet;
Hŭejjeġ ġodda naraŭ issa,
Tal antic tifchirijet..........

Chemm ghâd ghandi xi nghid iżjed,
M'ghandix żmien u niekaf haŭ;
Tcunu tafu chemm jien cbira,
Jeŭ li Storia tistudjaŭ.

L'aħħar ħaġa li nghidilcom,
Lil xulxin tnakksux il kima,
Hecc ghal dejjem lilcom nati
Minn kieħ kalbi b'ferħ tislima. A.Ż.

## Chitbulna:—

I.

(*Makluba bil Malti mit-Taljan*)

«Fil 15 ta jannar, 1913.

«Ħabib l'actar ghażiż,

«L'elf fehma li haŭn fuk fejn ghandhom isiru il Cunferenzi Eŭcaristici fil Cungress li gejj, kieghdin idejjku lil daŭc collha li jafu jaħsbuha. Ghal hecc irrid nghidlec ħaġa fuk dan.

«Jena jidhirli li daŭc il Cunferenzi m'humiex ħlief *Accademja Eŭcaristica* (jigifieri *Lakgha*, mhux *Funzjoni*, fuk l'*Eŭcaristija*). Issa l'*Accademji* ta cull xorta hemm DIGRIET *li ighid li ma jistghux isiru geŭŭa il Cnisja*: u ghal hecc mita nippretendu li daŭn il *Cunferenzi* ghandhom isiru fil cnisja tal Mosta incunu naghmluha contra l'ordnijet ta li stess Cnisja Mkaddsa.

«Jecc dan li kieghed nghidlec jista jisŭa xi ħaġa, aghmel biħ li jidhirlec.

«Collni tieghec,

..............., Cappillan.»

II.

(*Makluba bil Malti mit-Taljan*)

«Malta, fil 15 ta jannar, 1913.

«Sinjur ghażiż,

«Inroddloc ħajr bla kies ghall'ittra li bghattli ilbieraħ, fejn sibt tliet-liri u seba'-xelini u nofs (£ 3.7.6), li sejjer inkieghed il Banc.

«Tas-seŭ li tfarraġ kalbec mita tara daŭc it-tŭajjba ħaddiema maltin jiftacru fina u fil Cungress li gejj minn artijet hecc fil boghod. Dan collu ikanklu il *Habib*, li, chif tmexxiħ inti, kieghed iżomm mixghula fihom l'imħabba tal art taħħom: u jena, fil ŭakt li nifraħlec, nixtieklec ghomor tŭil ghall gid u ghall'aħjar tal ghażiża Gżira taghna.

«Collni tieghec, bl'acbar kima,

«FRANCESCO PACE»

(*President tal Banc ta Malta*).

III.

«Sur Direttur,

«Nitolboc iggib bil Malti fil ghażiż *Habib* taghna din l'ittra li ŭaslitli: u nizżic-ħajr minn kabel.

«Il ħabib tieghec

«MONSINJUR GAŬCI.

IV.

«Mil Belt, straca Teatru, 82 a.

«Fil 10 ta Jannar 1913.

«Maħbub Monsinjur, (*)

Fil ŭakt li inrodd il ħajr lill Cumitat taċ-Circlu Cattolicu *San Giuseppe* talli ghoġbu jistedinni mita sar id-dramm *L'Imsejcna Marianna*, ma nistax nibka ma naghmelx per mezz tieghec lill bravi Dilettanti tal Cumpanija *La Concordia* il ferħ tieghi, ghax tas-seŭ ħarġu tajjbin u ta min isemmihom. Ma 'rridx naghmel ghazliet bejniethom li jistghu igibu ghira: iżda ma nistax ma nsemmix ghaliħ is-Sur Oreste Cumbo, li gharaf jinkala ta *Artista mħarreġ* fil parti tkila ferm ta *Marianna* u jislet taħbit cbir tal idejn, bil ħakk collu, fejn l'actar id-dramm hu kaŭŭi u imiss il kalb.

«Ħassejt tant, li ma ħaħtx actar nisim-

(*) It-traduzjoni tal ittra tal Professur Tagliaferro ghamilniha aħna.

ID-DIREZJONI.

